Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 39 / 2017

Il-Pulizja

Spettur Jason F. Sultana

Vs

*Omissis*

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant *Omissis* detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 913650 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fl-2012 u fix-xhur ta' qabel, Manoel Island u fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta stupru vjolenti fuq il-minuri *Omissis*;
2. B' eghmil zieni kkorrompa lill-istess minuri *Omissis*;
3. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorità kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri *Omissis* kontra l-volonta'

taghha u dan bhala mezz biex tigi mgeghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4. Bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri *Omissis*.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija minuri *Omissis* u persuni ohra, u minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F' kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni nvoluti u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 382 A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-7 ta' Mejju, 2014 (esebita a fol. 272 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-Artikoli 18 u 198 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Fl-Artikoli 18 u 203 (1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-Artikoli 18, 86 u 87 (1) (g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-Artikoli 18 u 209 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-Artikoli 412 C, 382 A u 383 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-Artikoli 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti kkunsidrat il-kontenut tas-Social Inquiry Report fejn hemm indikat li l-imputat kien isofri minn depressjoni akuta u li huwa kellu problema ta' alkoholismu, kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-fatt li il-kwerelanti irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda aktar vicin il-minimum imponibblli. Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-7 ta' Mejju 2014 u senjatament l-Artikoli 17,18, 31, 198, 203 (1) u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) tat-tieni (2) imputazzjoni kif ukoll talli offenda l-morali f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku u ikkundannatu hames (5) snin prigunerija. Il-Qorti iddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnha. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum fejn il-persuni protetti huma *Omissis* u *Omissis*.

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti ordnat d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familjari taghha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' disa' mija tmienja u hamsin ewro u wiehed u sittin ewro centezmi

(€958.61c)[1] liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant *Omissis*, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla s-sentenza appellata ghar-raguni msemmija fl-ahhar aggravju dwar il-htija; u biss jekk dan l-aggravju ma jigix akkolt, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant gie liberat mit-tielet akkuza, izda tirrevoka u thassar l-istess in kwantu l-appellant instab hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u tar-reat kontemplat fl-art. 209 tal-Kap 9 u jinghata pronunzjament ta' liberazzjoni dwar ir-raba' akkuza, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; alternattivament u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata, fir-rigward tas-sejbien tal-htija ghar-rigward xi akkuza jew akkuzi, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgbobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti.

Illi ghar-rigward is-sejbien ta' htija dwar l-akkuzi fejn instabet htija, l-Ewwel Qorti waslet ghal sejbien ta' htija minhabba li *"wara li semghat lill-istess minuri tixhed viva voce quddiemha bil-procedura tal-video-conferencing tinsab moralment konvinta li l-minuri qalet il-verita'…."*

[1] Dr Stephen Farrugia Sacco (pg 174 – 238) €729.81 u Dr Stepehen Farrugia Sacco (pg 226 – 238) €228.80

L-Ewwel Qorti kompliet tat affidabilita` lill-minuri koncernata u cioe` *Omissis* meta siltet is-segwenti bran mid-deposizzjoni taghha :

*"L-element tal-kongungiment karnali wkoll jirrizulta pruvat minghajr ombra ta' dubju kemm mix-xhieda tal-minuri li spjegat li kien ikun hemm penetrazzjoni u li l-imputat kien imbaghad jegakola barra.* ***Hija qalet ukoll li ma setghatx tahfer lill-imputat ghaliex huwa kien serqilha l-istat ta' verginita'.***[2] *Il-Qorti ghalhekk jidrilha li tirrizulta r-rejita' inkwantu jirrigwarda l-istupru u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu."*

Illi l-bran citat mill-Ewwel Qorti sabiex jaghti kredibilita` lill-verzjoni tal-minuri kellu izda jkun il-bran li jiskredita l-verzjoni tal-minuri. Il-minuri xehdet u giet citata b'approvazzjoni mill-Ewwel Qorti li *"ma setghatx tahfer lill-imputat ghaliex huwa kien serqilha l-istat ta' verginita'."*

Illi fl-istadju tal-provi tad-difiza, emerga li lura fit-23 ta' Frar 2007, kien dahal rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla li kien gie kommess stupru minn terza persuna fuq *Omissis*. Dan ir-rapport (esebit in atti) sar mill-istess kwerelanti f'din il-kawza, u cioe` omm il-minuri, u jikkoncerna wkoll l-istess minuri li qed nitkellmu dwarha f'din il-kawza.

Meta kienet giet mitkellma dakinhar dwar dan ir-rapport mill-Pulizija, *Omissis* qalet hekk :

*"Jiena kont fil-kamra tal-girls u Omissis beda jghidli 'sexy, sexy'. Nezzaghni, dawwarni wicci l-isfel fis-sodda u mbaghad fil-patata u quddiem."*

[2] enfasi mizjuda

Illi minn qari tal-bqija ta' dak ir-rapport jemergi li skont il-minuri, l-imsemmi *Omissis* kien weggaghha, li kellha d-demm fil-qalziet, u li saret xebba. Ommha kategorikament irrapportat li "*Din giet irrepjata minn certu Omissis...*"

Illi l-ewwelnett, l-appellant hu zbalordit kif l-Ewwel Qorti, f'sentenza pjuttost voluminuza, sahansitra lanqas ghamlet l-icken riferenza ghal din ic-cirkostanza hekk importanti. L-Ewwel Qorti kellha d-dritt li tasal ghal kull konkluzjoni li dehrilha xierqa dwar dan il-fatt li sehh fl-2007, imma li l-akkadut mertu ta' dak ir-rapport gie injorat mill-Ewwel Qorti daqs li kieku ma jezistix fl-atti processwali, hu preokkupanti.

Illi l-akkadut mertu ta' dak ir-rapport kellu mportanza kardinali - anzi issa l-importanza tieghu zdiedet fid-dawl tal-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

L-Ewwel Qorti kkonkludiet hekk ukoll :

*"Il-Qorti tirrileva li l-istess minuri ma kellha l-ebda raguni il-ghala tivvinta dawn l-affarijiet fuq l-imputat".*

X'ghamlet izda l-istess minuri fl-2007, f'data fejn kienet izghar fl-eta` u allura fejn il-hazen taghha suppost li kien anqas. Ghamlet precizament l-istess haga li ghamlet fil-kaz odjern, u cioe` ntavolat rapport li jikkoncerna allegazzjonijiet identici, li sussegwentement irrizulta li kien falz. B'mod kategoriku, fl-2007 irrapportat li kienet giet stuprata, minn quddiem u minn wara u anke` oralment (ara r-rapport), minn certu *Omissis*; tghid ukoll li kienet saret xebba.

Sussegwentement izda ġie ppruvat minn testijiet medici li saru fil-kors ta' Inkjesta Magisterjali li nzammet dwar dak il-kaz, li l-imsemmija minuri kienet għadha verġni u li allura stupru ma kienx hemm fl-2007, u fil-fatt il-Pulizija Ezekuttiva ma hadet ebda proceduri penali dwar dak il-kaz kontra t-terz bl-isem ta' *Omissis*.

Id-domanda logika li ssegwi minn dankollu hi dwar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li, fil-kaz odjern ta' *Omissis*, *".....l-istess minuri ma kellha l-ebda raguni il-ghala tivvinta dawn l-affarijiet fuq l-imputat"*. Wiehed isaqsi, imma fl-2007 l-istess minuri x'raguni kellha li <u>tivvinta l-istess affarijiet</u> fuq it-terz bl-isem ta' *Omissis*? Ma kelliex, imma l-allegazzjonijiet foloz xorta ghamlithom. Bi prova hekk cara quddiemha, bi prova li l-minuri mhux talli tigdeb izda tigdeb b'mod elokwenti, kif jirrizulta car mir-rapport datat Frar 2007, kif setghet il-Qorti meta kellha quddiemha cikostanza ta' gidba identika ghal dik tal-2007, taghti certifikat ta' kredibilita` lill-imsemmija minuri?

Kif setghet l-Ewwel Qorti imqar ma tikkummentax li quddiemha kellha minuri li fl-2007 kienet ghamlet rapport <u>falz</u> fuq cirkostanza <u>identika ghal dik allegata fil-kawza odjerna</u>. Imqar, l-Ewwel Qorti kellha tikkummenta li kellha quddiemha minuri li l-verzjoni taghha kellha tigi meqjusa b'kawtela billi precedentement, hi kienet iffabbrikat allegazzjonijiet identici fuq terza persuna. Izda minflok fis-sentenza nsibu skiet assolut dwar dankollu.

Illi ghall-appellant, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma qalet xejn dwar l-akkadut tal-2007, ifisser bilfors li l-Ewwel Qorti sfugggielha l-istess rapport waqt li kienet qed taqra l-process; tali mankanza bilfors li tivvizzja s-sentenza appellata, in kwantu l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma lkoll bazati fuq il-kredibilita` li hi tat lill-verzjoni ta' *Omissis*. L-appellant hawn ma hux qed jghid li l-konkluzjoni kellha tkun li ghax il-minuri gidbet fl-2007, il-Qorti

kellha bilfors tasal ghall-konkluzjoni li l-minuri gidbet fil-kaz odjern. L-appellant izda qed jghid li l-akkadut tal-2007 kien cirkostanza bil-wisq importanti, partikolarment fl-isfond li l-Ewwel Qorti impernjat is-sentenza taghha fuq il-kredibilita` tal-minuri, biex tigi injorata ghal kollox u ma ssirx imqar riferenza ghal dak l-episodju fis-sentenza appellata.

U ghalkemm Qorti fis-sentenza taghha ma hix tenuta li tikkummenta fuq kull cirkostanza li tkun tressqet quddiemha, meta fatt ikun ta' portata hekk serja u impellenti ghall-kawza, u ma jigix imqar imsemmi fis-sentenza, bilfors li f'dak l-iskiet assolut l-indikaturi jippuntaw lejn li dik il-prova tkun sfuggiet lill-Ewwel Qorti fl-ezami taghha tal-process - bil-konsegwenzi mhux sar li tali mankanza jkollha fuq il-gudizzju finali. Jew li tali cirkostanza tkun ta' portata hekk b'sahhitha li tinnewtralizza l-konkluzjonijiet tal-Qorti, u li ghalhekk il-Qorti ma kkummentatx dwarha ghax kienet tinnewtralizza r-ragunijiet li wassluha ghal sejbien ta' htija dwar uhud mill-akkuzi.

Illi veru wkoll li wiehed jista' jargumenta li gjaladarba l-akkadut rapportat fl-2007 rrizulta li kien falz, allura l-minuri fil-kawza odjerna qalet sew li *"ma setghatx tahfer lill-imputat ghaliex huwa kien serqilha l-istat ta' verginita'."* Dan izda jkun argument simplicistiku.

Illi ghall-minuri, il-fatt rapportat minnha fl-2007 sehh. Biex tinghata kredenza lill-verzjoni li tat il-minuri f'din il-kawza, wiehed irid bilfors jghid li *Omissis* accettat maghha nnifisha li fl-2007 kienet gidbet b'mod grossolan, u allura maghha nnifisha bdiet tikkunsidra dak l-episodju bhala li ma sehhx. Imma dan ikun ukoll ragunament kontro-sens. Meta persuna ma tghidx is-sewwa, il-buon sens tal-hajja jghidlek li dik il-persuna tibda, maghha nniffisha, temmen li dik il-gidba hi r-realta`. Ghalhekk, ghal *Omissis*, hi kienet diga tilfet il-virginita` taghha fl-2007, fl-episodju minnha rapportat dwar l-istupru skont hi minn certu *Omissis*. Kif allura setghet l-Ewwel Qorti

qatt taghtiha certifikat ta' kredibilita` ghax hi xehdet li kien l-imputat fil-kawza odjerna li serqilha l-virginita`?

Illi dan igibna ghal punt iehor, preokkupanti ferm aktar minn dak appena msemmi. Illi fil-kaz tal-2007, it-terza persuna bl-isem ta' *Omissis* ma tressaqx bi proceduri penali u ffranka prosekuzzjoni dwar dak ir-reat ghaliex it-testijiet medici kkontradicew il-verzjoni ta' *Omissis*.

Ghalhekk, fil-kawza odjerna, il-Prosekuzzjoni ghamlet talba sabiex isiru l-ezamijiet medici fuq *Omissis*, propju biex jigi accertat li dak li kienet qed tghid din l-individwa ma kienx invenzjoni ohra bhall-kaz tal-2007. Wiehed hawn ma jridx jinsa li fl-istadju li fih saret it-talba mill-Prosekuzzjoni biex isiru t-testijiet medici f'din il-kawza, hi diga kellha f'idejha u fir-*records* taghha r-rapport tal-2007, u allura kienet taf bil-precedent ta' *Omissis* u kif din kienet diga ffabbrikat allegazzjoni fuq terza persuna dwar allegazzjonijiet identici ghal dawk li rrapportat dwarhom fil-kaz odjern.

Illi ghal dan il-ghan gew mahtura Dr Carmen Portelli u Dr Mario Scerri. Minkejja diversi verbali tal-Qorti u rinviji mill-Avukat Generali biex dawn iz-zewg esperti jepletaw l-inkarigi taghhom, it-testijiet ordnati mil-Qorti baqghu ma sarux. Fis-27 ta' Marzu 2014 xehdet *Omissis* li qalet li rrifjutat li jsiru t-testijiet fuq bintha ghax "*ghadda da iz-zmien kollu, it-tifla mxiet b'hajjitha I mean qeghda MCAST u affarijiet  minn dawn jigifieri*".

Illi b'mod inspjegabbli, wara din id-deposizzjoni la l-Prosekuzzjoni u lanqas l-Ewwel Qorti ma nsistew fuq li l-inkarigu jigi espletat, minghajr izda pero`ma qatt gie revokat l-istess inkarigu.

Illi din kienet prova indispensabbli ghar-rigward l-ewwel akkuza - aktar indispensabbli meta wiehed iqis il-precedent tal-2007, u mhux biss ghall-ewwel akkuza, ghax imbaghad kienet ukoll tirrifletti fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` ghar-rigward il-bqija tal-akkuzi. Kienet prova indispensabbli tant li l-Ewwel Qorti stess hasset il-htiega tal-hatra, meta nnominat zewg esperti ghal dan il-ghan. Kienet ukoll indispensabbli ghaliex effettivament, il-Qorti baqghet qatt ma rrevokat l-inkarigu moghti lil dawn iz-zewg esperti.

Hu ghalhekk ukoll mill-aktar stramb kif lanqas fuq din l-okkorrenza hekk importanti, u fuq kif din kienet tincidi fuq il-verzjoni ta' *Omissis*, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma hassitx il-htiega li mqar taghmel riferenza fis-sentenza hawn appellata.

L-accertamenti medici li mqar *Omissis* ma kienitx ghadha vergni kienu ta' mportanza kardinali. Hi tixhed li kien l-imputat li serqilha l-verginita` taghha. Mela, skont hi, sakemm sehh il-kaz hawn dibattut hi kienet ghadha vergni. Lanqas tghid li kellha relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor wara l-akkadut mertu tal-kawza, anzi dawn huma eskluzi tant li mis-sentenza jirrizulta, skont l-Ewwel Qorti "*li sehh l-att sesswali f'diversi okkazzjonijiet bejn l-imputat u l-istess minuri fejn hija qatt ma kellha esperjenzi sesswali bhalhom ma haddiehor*". Ghalhekk mill-kwadru tal-fatti li jemergi mill-kawza, fizikament suppost li kellu jirrizulta tfajla li m'ghadhiex vergni, b'konsegwenza unika ta' fatti attribwibbli lill-appellant.

Illi dan ukoll kien ix-xenarju fl-2007. It-testijiet medici li saru dakinhar izda eskludew li l-minuri kienet qatt giet penetrata, minkejja li qalet li giet penetrata minn wara u minn quddiem (u anke` oralment). Fil-kawza odjerna, din il-prova kardinali izda thalliet imdendla. Flok accertament, dan in-nuqqas wassal biex illum mhux biss hemm *lingering doubt* imma hemm dubju mill-aktar fondat li dan il-kaz kollu ma hu xejn hlief fabbrikazzjoni ohra ta' *Omissis*. U l-Ewwel Qorti ma kkummentat xejn dwar dan fis-

sentenza appellata. Dan is-skiet izda aktar jikkonferma l-mankanza grossolana li sehhet u kif l-inkarigu tal-esperti baqa' ma giex espletat u fl-istess hin qatt ma gie revokat.

Illi forsi hawn wiehed jista' jargumenta li l-verzjoni ta' *Omissis*, gejja kemm gejja minn persuna li bil-provi jirrizulta li ma tghidx is-sewwa fuq allegazzjonijiet identici, xorta ma jirrizultax li hemm verzjoni kuntrarja ghaliha fil-process. Illi apparti l-fatt li l-verzjoni tal-minuri hi <u>kontradetta</u> mir-rizultanzi l-ohra fuq citati u li lkoll jippuntaw f'direzzjoni wahda, hu daqstant iehor fatt li l-appellant - kif ser ikollha l-opportunita` tara b'ghajnejha din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-udjenza - ma huwiex fi stat li jiddeponi u jaghti l-verzjoni tieghu dwar dan il-kaz.

Ghax ghalkemm l-appellant ma huwiex fi stat ta' genn li jrendih *unfit to plead*, fl-istess waqt qieghed fi stat fiziku u psikologiku li jgibu maqtugh minn dak li qed jigri madwaru. Is-sottoskritt kemm 'l darba ghamel sforz mal-appellant biex jifhem il-verzjoni tieghu dwar dan il-kaz, imma dan il-kaz tant ittrawmatizza lill-appellant, maghdud mal-problemi psikjatrici u ta' sokor (rikonoxxuti u accettati mill-Ewwel Qorti) li ilu jbati minnhom, li hu qieghed jghix f'dinja parallela - qisu ghalih dan il-kaz qieghed hemm, jezisti, imma fl-istess waqt ma jezistix ghax ma jafx kif jista' jwiegeb ghall-allegazzjonijiet serji u ngusti li saru kontrih. Lanqas qed jifhem l-import tas-sentenza li ghadu kif gie kundannat dwarha, u jiehdu hsieb kollox uliedu. Lanqas jifhem li gie kundannat ghal hames snin prigunerija - jaf biss b'mod generali li ser ikun imsakkar ghax gie hekk imfiehem minn uliedu, imma s'hemm jifhem u jista' japprezza.

Ma jafx jichad l-allegazzjonijiet li saru kontra tieghu, ghalkemm jaf li huma ngusti u nveritiera. Dan kien l-izvantagg <u>enormi</u> li kellha d-difiza f'dan il-kaz, ghaliex kien hemm imputat li l-istat psikjatriku tieghu, kif jirrizulta mid-deposizzjoni tal-Psikjatra Joseph Spiteri, hu wiehed hazin hafna.

Jiccassa kontinwament - imbuttat biex jirrejagixxi u jwiegeb ghal domandi li jsirulu, aktar jiccassa. Li tghidlu jghid, u dan jista' jikkonfermah is-sottoskritt fid-diversi nkontri li kellu mal-appellant. Jekk tghidlu biex oggett abjad jghidlu iswed u tghajjat ftit mieghu, jghidlek li hu iswed. U jekk tghidlu biex jinnega li oggett iswed hu fil-fatt abjad, jinnega - imma jekk id-domanda sussegwenti imbaghad tkun li fil-fatt l-oggett li jkun ghadu kif qal li hu abjad hu fil-fatt iswed, iwiegeb li iva.

Id-domanda jew l-argument kontra dan kollu hi li jekk l-appellant hu fi stat hekk hazin, allura kif qed jinghad li dak li l-minuri qed tghid li gara, tabilhaqq ma garax? Harsa wahda lejn l-imputat u l-istat tieghu wahedhom - anke` jekk ghall-mument wiehed jinsa c-cirkostanzi l-ohra gja citati - teskludi l-fondatezza tal-allegazzjonijiet ta' *Omissis*.

Kien ghalhekk illi kien kardinali, imqar ghall-fini ta' korroborazzjoni tal-verzjoni ta' *Omissis* li ma kienitx ghadha vergni, li t-testijiet medici ordnati mill-Qorti jsiru. Dan partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni kellha :

a. ix-xhud principali li precedentement irrapportat il-falz fuq allegazzjonijiet identici fuq terza persuna, u li wriet bic-car, kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, li kapaci tiffabbrika allegazzjonijiet serji bla mottiv;

b. ufficcjal prosekutur li m'ghamilx investigazzjoni korretta, anzi saret investigazzjoni tal-misthija, kif jirrizulta abbundantement mill-provi, u liema ufficcjali prosekutur fil-mori tal-kawza gie sospiz mill-Korp fuq allegati skorrettezzi fil-qadi ta' dmirijietu fil-Korp, fejn tressaq hu stess fuq akkuzi kriminali serji;

c. imputat li kien afflitt minn problemi psikjatrici serji, li minn jeddu spiss jigi rikoverat u mizmum l-Isptar Monte Karmeli ghax ma jkunx jiflah aktar, u li evidentement ma setax jispjega u jinnega l-fabbrikazzjonijiet li gew livellati kontra tieghu.

U hu ghalhekk illi jinghad bla tlaqliq li din id-darba *Omissis* sabet il-vittma ezatta ghal taht snienha, fejn bil-hazen taghha gharfet li l-imputat kien dghajjef bizzejjed li ma kienx ser jirnexxilu jirribatti l-allegazzjonijiet malinni taghha, kif kien irnexxilu jaghmel it-terz fl-2007 meta ghamlet allegazzjonijiet malinni identici fil-konfront tieghu.

U b'kull dovut rigward, din l-individwa hi tabilhaqq malinna u hazina. Dak li gara fl-2007 ma jaghti lok ghal ebda konkluzjoni ohra. Minn dak l-episodju jemergu wkoll domandi ohra. Min hi u minn x'hiex hi afflitta din l-individwa biex fl-2007 waslet biex ghamlet rapport hekk serju u falz lill-Pulizija, li gie skreditat bl-Inkjesta Magisterjali? Wiehed irid jiftakar ukoll li maghdud mal-mottiv li wassalha biex fl-2007 hi tipprova tinkrimina persuna b'reati serji li kienet taf li ma sehhewx, indubbjament kellha go fiha dik il-*bitterness* li ma kienitx irnexxiet fit-tentattiv taghha dakinhar. U l-buon sens tal-hajja jghidlek ukoll li la go fiha kellha dik ir-rabja li ppruvat tinkrimina bniedem ingustament, rabja li bilfors zdiedet meta ma rnexxietx, dik ir-rabja kienet ghadha tbaqbaq go fiha u setghet tissodisfaha biss billi fl-ahhar jirnexxilha tinkrimina lil xi hadd.

Anke` l-fatt li meta allegatament stqarret ma' ommha dak li skont hi sehh f'dan il-kaz, ommha m'ghamlet xejn dwaru hlief zmien wara, juri li anke` ommha stess kienet xettika minn bintha. U li l-omm, jiem wara, ghamlet ir-rapport biss bhala ritaljazzjoni wara argument shun li kellha ma' bin l-imputat, mhux ghax kienet konvinta minnu. Tant li wara ghamlet minn kollox biex tipprova tregga' l-arlogg lura, ghax kienet taf li kien ser jigi nkriminat bniedem innocenti.

L-istess omm li bil-provi, qatt ma emmnet lil bintha *Omissis*, bl-aqwa xhieda ta' dan huwa s-*Social Inquiry Report*, kumpilat mill-Uffiċjal tal-*Probation*, is-Sinjura Anabel Buġeja, minn fejn jirrizulta hekk :

***"Matul din l-intervista, Omissis sostniet li l-każ odjern mhux wieħed ta' stupru vjolenti imma ta' defilement biss."***

Illi indubbjament, daqs kemm omm taf lil bintha, daqs kemm *Omissis* taf ghal x'hiex kapaci tasal bintha, ma jaf hadd. Ghalhekk, jibqa' wkoll inspjegabbli kif l-Ewwel Qorti ghal darb'ohra injorat dikjarazzjoni hekk importanti. L-irtirar tal-kwerela kellu wkoll ikun indikatur ghall-Qorti.

Illi mbaghad l-Ewwel Qorti sahansitra ziedet mal-element ta' affidabilita` li tat lid-deposizzjoni ta' *Omissis* meta qalet li ohtha *Omissis* "*ikkorroborat dak li qalet ohtha"* - jigifieri skont l-Ewwel Qorti, *Omissis* ikkorroborat lil *Omissis*. B'kull dovut rigward, *Omissis* b'ebda mod ma tikkorrobora l-verzjoni ta' ohtha li sehh stupru, lanqas li sehhet korruzzjoni ta' minorenni. Dan hu car minn ezami tad-deposizzjoni relattiva. Din hi konkluzjoni ohra hazina.

L-ahhar aggravju jikkoncerna d-decide tal-kawza. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma qalitx jekk hux qed issib htija jew tillibera lill-appellant mir-raba' akkuza. Ir-raba' akkuza tikkoncerna r-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur. L-Ewwel Qorti la qalet li qed issib htija fl-imputat dwar dan ir-reat u lanqas li qed tehilsu minnu. Dan jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata.

<u>Dwar il-piena</u>

Illi subordinatament u bla ebda pregudizzju ghall-premess, jekk din l-Onorabbli Qorti xorta thoss illi ghandha tasal ghal sejbien ta' htija dwar xi wahda mill-akkuzi, hemm is-segwenti fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni.

a. l-akkużat huwa raġel ta' ‘l fuq minn ħamsa u sittin (65) sena;

b. ghandu fedina penali kwazi nadifa ;

c. matul ħajtu dejjem stinka u ħadem sabiex joffri stabbilita` lill-familja tieghu;

Aktar minn hekk, din l-Onorabbli Qorti setghet tara b'ghajnejha f'liema stat fragli jinsab l-imputat. Jirrizulta ppruvat lil hinn minn kull dubju li hu jbati minn problemi ta' dipressjoni akuta u kronika, u mill-vizzju tal-alkoħol li ilu li hakmu ghal snin twal.

Illi l-esponent regolarment jiġi rikoverat ġewwa l-isptar Monte Carmeli u jaghmel perjodi jghix hemm. Martu anzjana u marida. Iz-zewg uliedu, li attendew regolarment ghall-kawza, jiehdu hsiebu fil-bzonnijiet ta' kuljum. Fil-proċess, wieħed isib ċertifikati medici maħruġa mill-Psikjatra Dr Joseph F. Spiteri, mill-Psikjatra Dr J. Vella Baldacchino u mill-Psikjatra Dr George Debono rispettivament li jiċċertifikaw il-problemi psikoloġiċi kbar illi bata' minnhom l-imputat tul hajtu. Il-hajja certament ma kienitx facli ghall-esponent.

Rilevanti hu dak spjegat fis-*Social Inquiry Report* taħt is-sezzjoni ta' "Evalwazzjonijiet Professjonali" minn Anabel Buġeja, li rredigiet ir-rapport imsemmi :

*"L-uffiċjal tal-Probation għamlet kuntatt permezz tat-telefon mal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri. F'din l-intervista Dr Spiteri spjega li minn CT Scan li għamel fuq il-persuna ta' Omissis irriżulta li l-imputat ibati minn atrofija u b'riżultat ta' dan jixxrinkjaw il-brain tissues. Dr Spiteri sostna wkoll li l-ikkonċernat għandu maniac depression u b'effett tal-mediċini li jieħu jbati wkoll mill-Parkinson's disease. Skont Dr Spiteri, l-imputat kemm il-darba stqarr miegħu li għandu impotenza minħabba l-mediċini li jieħu. Fl-aħħarnett Dr Spiteri sostna li bil-mediċini li jieħu l-imputat kif ukoll bil-kundizzjonijiet li jbati minnhom, huwa diffiċli ferm għalih li jkun jista' jagħmel atti sesswali li jinkludu erezzjoni."*

Hemm ukoll id-deposizzjoni tal-Psikjatra Spiteri quddiem din il-Qorti.

Illi hajjet l-akkużat kienet ikkaratterizzata minn sensiela ta' episodji mill-iktar iebsa, imkisser bil-problema tax-xorb u d-dipressjoni akuta. Din il-problema hija waħda li l-esponent ilu jikkumbattiha żmien u dan saħansitra jirriżulta bl-iktar mod evidenti mix-xhieda ta' iben l-akkużat, u ċioe *Omissis*, li fis-seduta ta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012), xehed is-segwenti:

*Difiża: Sewwa wisq. Semmejt f'żewġ (2) okkażjonijiet fix-xhieda tiegħek illi l-papa' jixrob. Il-papa' għandu xi problema ta' xorb?*

*Xhud: Il-papa' xejn ma għandi kontrih imma li jixrob iva. Ix-xorb jixrob hux. Jixrob.*

Illi *Omissis* u *Omissis* aħwa Galea it-tnejn ikkonfermaw illi din il-marda tal-alkoholizmu kienet wasslet biex l-akkużat kien waqa' mill-għoli fil-ħanut tal-familja b'konsegwenza illi kien kellu jqatta' numru ta' ġranet rikoverat ġewwa l-*ITU* jissielet bejn ħajja u mewt.

Illi aktar minn dankollu, l-esponent ma hu ta' ebda perikolu ghas-socjeta`. Kif setghet tara l-Qorti, hu ragel marid, fragli, konfuz u bezghan minn dak li qed jigri madwaru. Jiehu diversi medicinali biex ikampa mal-hajja ta' kuljum.

Anke` jekk jirrizulta xi wiehed mir-reati li bihom hu jinsab akkuzat, hu eskluz li qatt jista' jerga' jirrepeti l-istess. L-imgieba tieghu tul il-process kienet wahda ezemplari, u dejjem wera rispett lejn il-Qorti. L-inkluzjoni ta' ismu fir-Registru lanqas kienet mehtiega.

Hemm ukoll l-irtirar tal-kwerela.

Illi ghaldaqstant hu umilment sottomess li l-piena karcerja erogata mill-Ewwel Qorti mhux biss kienet eccessiva, imma ma kienitx il-piena fix-xorta taghha li kellha tigi applikata.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni appellata billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha strahet unikament fuq ix-xhieda tal-minuri *Omissis*, meta din ma kellhiex taghtieha affidabbilita’ tenut kont tal-fatt li xi ftit tas-snin qabel hija kienet ghamlet allegazzjoni simili fuq terza persuna li irrizultat inveritjiera wara indagini li saret permezz ta’ inkjesta magisterjali. Fil-fehma tieghu allura kien ferm perikoluz ghall-Ewwel Qorti li taghti kredibilita lil din it-tifla meta kien hemm provi fl-atti illi din kapaci tigdeb, provi li minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi ma inghataw l-ebda piz fil-konsiderazzjonijiet li wasslu ghas-sejbien ta’ htija. Maghdud ma’ dan kellu ikun evidenti ghall-Ewwel Qorti illi l-appellanti huwa bniedem marid, ibati minn stat ta’ depressjoni u anzjeta, afflitt mill-

problema tal-alkohol li allura kien jirrendieh inkapaci jikkometti id-delitti li dwarhom jinsab akkuzat.

Illi wara dan l-ilment marbut ma'l-apprezzament tal-provi, l-appellanti imbaghad jissolleva n-nullita tad-decizjoni impunjata billi jishaq illi l-Ewwel Qorti naqqst milli tippronunzja ruhha dwar ir-raba imputazzjoni li biha huwa kien mixli u cioe' dak tar-reat tal-attentat vjolenti ghal pudur kif imfisser fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali.

Illi allura qabel ma' din il-Qorti tinoltra ruhha fl-aggravvju marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, hija tal-fehma illi ghandu jigi indirizzat dan il-pregudizzjali dwar in-nullita ravvizata mill-appellanti fid-decizjoni impunjata.

Issa huwa minnu illi minn qari tac-citazzjoni imressqa kontra l-appellanti jirrizulta illi huwa kien qed jigi akkuzat bir-reati tal-istupru, dak tal-korruzzjoni tal-minorenni, l-attentat vjolenti ghal pudur u ir-reat marbut mas-sekwetsru tal-persuna. Billi l-kummissjoni ta' dawn ir-reati sehhew f'post pubbliku jew espost ghal pubbliku l-appellanti gie ukoll akkuzat bir-reat tal-offiza ghal-morali pubblika. Illi l-proceduri madanakollu gew inizjati quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u mhux fil-kompetenza originali taghha. Izda fit-termini ta'l-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali l-Avukat Generali baghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati bin-nota ta' rinviju ghal gudizzju datata 7 ta' Mejju 2014 u dan sabiex il-kaz jigi iggudikat mill-Qorti bhala dik issa ta' Gudikatura Kriminali, fejn allura f'dik in-nota l-Avukat Geneali indika li tista' tinstab htija ghar-reati mahsuba fl-artikoli 198, 203(1), 86 u 87(1)(g) u 209 tal-Kodici Kriminali, bir-reat mahsub fl-artiklu 207 jigi volontarjament ommess x'aktarx billi dan huwa alternattiv ghaz-zewg reati l-ohra tal-istupru u tal-korruzzjoni tal-minorenni kif hemm imfisser fl-artikolu 207 inniffsu.

Issa meta "***ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju***

***ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. ..[3]"***

Ekwiperata allura n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ma'l-att ta'l-akkuza, huwa bil-wisq evidenti illi l-Avukat Generali ma kienx qed jakkuza iktar lill-appellanti bir-reat li lilu gie imputat fir-raba akkuza indikata fic-citazzjoni, billi l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar dan ir-reat ma giex indikat fl-imsemmi rinviju. Illi bhal kif jaghmel meta jigi biex jirredigi l-att ta'l-akkuza, l-Avukat Generali wara li jifli l-atti tal-kumpilazzjoni irid jara liema huma dawk ir-reati li jistghu jigu imputati lill-persuna akkuzata fejn allura huwa jista' inaqqas reat jew reati minn dawk li kienu qed jigu investigati tul l-atti kumpilatorji.

Issa gjaldarba ir-reat mahsub fl-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali fil-fehma ta'l-Avukat Generali ma kienx jirrizulta mill-atti ikkumpilati u allura ma giex minnu indikat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Ewwel Qorti ghalhekk ma kellhiex tiehu konjizzjoni aktar ta' dina l-imputazzjoni, kif *del resto* hekk ghamlet, billi l-appellanti ma kienx qed jigi iktar akkuzat bil-kummissjoni ta'l-istess. Illi allura ghalkemm l-Ewwel Qorti fid-*decide* ma indikatx specifikatament li kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba imputazzjoni ghar-raguni premessa, dan in-nuqqas fil-fehma ta' din il-Qorti ma jista' qatt iwassal ghan-nullita tad-decizjoni impunjata billi l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn hlief tat id-decizjoni taghha fuq dawk ir-reati li permezz tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju kienu qed jigu imputati lill-appellanti u dan wara li kienet saret il-kumpilazzjoni skont il-ligi. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan il-pregudizzjali sollevat mill-appellanti qed jigi michud.

Sorvolata din il-lanjanza, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tezamina l-aggravvju marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma ta'l-appellanti kien wiehed erronju meta inghatat kredibbilita lill-minuri u giet skartata prova essenzjali li kienet timpingi fuq il-veracita tal-verzjoni moghtija mill-istess minuri.

---

[3] Il-Pulizija vs Michael Carter – 07/12/2001 App.Krim

Illi l-appellanti isejjes dina l-lanjanza essenzjalment fuq prova maghmula minnu dwar allegat rapport falz li kien sar mill-istess minuri kontra terza persuna bl-isem ta' *Omissis* lura fi Frar tas-sena 2007 fejn l-imsemmija minuri kienet allegat illi din il-persuna kienet abbuzat minnha sesswalment. Jilmenta illi meta l-Ewwel Qorti tat piz lix-xhieda tal-minuri hija ma haditx in konsiderazzjoni dina il-prova maghmula mid-difiza liema prova kellha tinghata piz sabiex tintwiezen il-kredibbilita ta' dak allegat minn din il-minuri.

Illi qabel xejn din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi:

"*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies ghal Prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha id-dritt ghas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova anke permezz tax-xhieda taghha, allura fil-konfront tal-akkuzat ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat allura ghandu jipprova dak allegat minnu <u>sal-grad tal-probabbli</u> u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*". Issa l-appellanti ma jistax jippretendi illi jista' ixejjen il-verzjoni moghtija mill-minuri billi jipprezenta rapport li sar lill-pulizija lura fi Frar 2007 li lanqas huwa ikkonfermat bil-gurament u jieqaf hemm. L-uniku xhud li xehed dwar dan ir-rapport kien l-Ufficjal Prosekutur li fuq talba tad-difiza jidher illi kellu jaghmel tfittxija biex isib dan ir-rapport u li allura ma kienx involut fl-investigazzjoni ta'l-istess. Id-difiza setghet tressaq lill-ufficjal tal-pulizija li investiga il-kaz biex jaghti x-xheda tieghu, seta jitlob li jigi ipprezentat l-proces verbal li jirrigwarda l-inkjesta magisterjali li saret. Dan izda ma sehhx biex b'hekk lanqas hemm prova dwar x'ezitu kellha din l-investigazzjoni, x'kienet il-konkluzjoni tal-inkjesta magisterjali. Illi allura fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellanti ma

irnexxielux jilhaqq il-grad mehtieg minnu fil-ligi sabiex ixejjen dak allegat mill-minuri fil-konfront tieghu billi jipprezenta rapport biss. Illi lanqas mill-mistqosijiet li saru lill-minuri in kontro-ezami ma jirrizulta car dak li sehh ghalkemm hija issostni illi f'dik l-okkazzjoni rapporti sesswali ma kienx hemm u li kienet baqghet vergni. Illi anke l-omm *Omissis* tixhed dwar dan ir-rapport u tispjega illi ghalkemm mill-ezami mediku ma irrizultax illi kienet sehhet penetrazzjoni madanakollu kien instab xi brix fil-parti genitali tal-minuri. Kollha provi ghalhekk li ma iwasslu ghall-ebda konkluzjoni lanqas dwar x'possibbilment seta' sehh ahseb u ara kemm dan gie stabbilit fuq bazi ta' probabbilita'.

Illi madanakollu anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha temmen illi ir-rapport li kien sar minn omm il-minuri lill-pulizija in konnessjoni ma' dan l-episodju ma kellux mis-sewwa, dan ma ifissirx necessarjament illi l-minuri qed tigdeb meta tirrakkonta l-allegat abbzu li kienet tissubixxi minn taht idejn l-appellanti. Il-fatt illi l-Ewwel Qorti ma issemmiex fil-motivazzjonijiet taghha dan ir-rapport ma ghandux ifisser illi l-apprezzament minnha maghmul tal-provi li kien hemm fl-atti huwa wiehed erronju.

Illi kif kellha okkazzjoni tirribadixxi din il-Qorti diversi drabi, ma hemmx dubbju illi f'dawn it-tip ta' kawzi l-komportament tax-xhud, li fuqu strahet l-Ewwel Qorti fid-decizjoni milhuqa minnha, hu fatt importanti ta' kredibbilita' "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***'[4]"

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court*

[4] Ibid

*normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[5]"

Issa l-Ewwel Qorti, kuntrarjament ghal din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' ix-xhieda tal-minuri u ghalhekk kellha okkazzjoni tosserva b'mod dirett il-komportament u l-attitudni taghha waqt li kienet qed tirrakkonta dak li ghaddiet minnu minn taht idejn l-appellanti fejn hija tishaq car u tond illi kien jkun hemm rapporti sesswali bejnha u bejn l-appellanti. Illi dwar din l-intimita' li kienet tezisti bejn il-minuri u l-appellanti li hija kienet isejjahhlu "nannu" kienet xhieda ohtha *Omissis* li rat b'ghajnejha certu kunfidenzi bejniethom tant illi din it-tifla hasset li dak il-hin stess kellha tirrapporta dan lil ommha. U kien minn hawn illi il-minuri ammettiet dak li kien qed jigri bejnha u bejn l-appellanti ma' ommha li wara ghamlet ir-rapport lill-pulizija. Jidher illi dawn ir-rapporti sesswali sehhew f'iktar minn okkazzjoni wahda u f'diversi postijiet b'mod ewlieni, f'post pubbliku fil-vettura ta'l-appellanti. Jidher illi f'dawn l-okkazzjonijiet l-appellanti kien ikun xurban u kien anke jaghti lill-minuri il-birra qabel ma kien jipprocedi ghall-att sesswali. Il-fatt illi l-appellanti kien ihobb ix-xorb huwa ikkorroborat minn uliedu stess, wiehed minnhom ibnu *Omissis*, is-sieheb ta' omm il-minuri. Illi

[5] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

l-minuri taghti l-istess verzjoni kemm meta tigi mitkellma mill-pulizija waqt l-investigazzjonijiet kif ukoll fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti. L-appellanti ma jixhidx, kif kellu kull dritt illi jaghmel, l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija giet dikjarat inammissibbli bhala prova billi ittiehed minghajr l-assistenza legali, biex b'hekk din il-Qorti m'ghandhiex il-verzjoni tieghu tal-fatti. Ix-xhieda li iressaq in difeza ma kenux prezenti mieghu fl-episodji rakkontati mill-minuri u ghalhekk ma setghux jitfghu l-ebda dawl fuq dak li allegatament sehh.

Illi ghalhekk ezaminati mill-gdid l-atti, din il-Qorti ma tistax issib raguni la legalment u lanqas fattwalment li tista' iggieghel titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi michud.

Jifdal biex jigi trattat l-aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma ta'l-appellanti hija wahda eccessiva, tenut kont tal-fatt illi huwa ragel anzjan ta' 65 sena, ghandu fedina penali kwazi nadifa u matul hajjtu dejjem stinka u hadem sabiex joffri stabbilita lill-familja tieghu. Jaghmel refernza ghax-xhieda tal-psikjatra Joseph Spiteri, u ic-ceritifkati esebieti mill-psikjatri kuranti tieghu minn fejn jirrizulta illi huwa ibati mid-depressjoni u anke ghandu problema tax-xorb. Illum huwa bniedem dipendenti fuq il-pilloli u bil-kemm ghadu ko-erenti fl-imgieba tieghu tant illi huwa distakkat mir-realta.

Illi din il-Qorti ma ghandha l-ebda mottiv li igieghlha tiddubita minn dak kollu mistqarr fir-rikors ta'l-appell f'dan ir-rigward. Dan ghaliex ukoll din il-Qorti kellha okkazzjoni sabiex *di visu* tikkonstata l-kundizzjoni ta' sahha ta'l-appellanti meta deher quddiemha ghas-smigh ta'l-appell. Dan madanakollu ma jistax jiggustifika l-agir tieghu bl-ebda mod. Illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha dan il-kwadru u mid-decizjoni impunjata jirrizulta illi anke hadet konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi kollha, kif ukoll tal-fatt illi l-kwerela kienet giet irtirata mil-parti leza. Hadet in konsiderazzjoni ukoll is-*social enquiry report* meta giet biex teroga l-piena ghar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija u fid-dawl ta' dan kollu hasset li kellha tinfliggi piena karcerarja qrib lejn il-minimu. Illi din il-Qorti ghalhekk ftit li xejn tista' ticcaqalaq minn dawn il-binarji imfassla mill-Ewwel Qorti qabilha billi ma

hemm l-ebda mottiv iehor li l-Ewwel Qorti setghet ma haditx konsiderazzjoni tieghu u li jista' igieghel lil din il-Qorti titbieghed mill-kalibrazzjoni tal-piena maghmula. Kwindi dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud, id-decizjoni appellata ikkonfermata b'dan illi din il-Qorti fid-dawl tal-kundizzjoni ta' sahha ta'l-appellanti taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellanti jigi detenut fil-Forensic Unit tal-Facilita li jinsab gewwa l-isptar Monte Karmeli u li jinghata l-kura kollha li jenhtieg. Ghalhekk tordna komunika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(FT)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur